MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 687/1992/1

**Anthony Mangion bhala Deputy Chairman u Executive Director (Ports) in rapprezentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta u b'nota tal-11 ta' Settembru 1992 Carmel Schembri assuma l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited u ghal kull interess li jista' jkollhom a) l-Acountant General u Direttur tal-Kuntratti u b) Anthony Fenech u Joseph Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Francesco Fenech Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi d-Dipartiment tal-Portijiet (li tieghu l-attur *nomine* huwa s-successur) kien hareg *tender* tramite l-Accountant General u Direttur tal-Kuntratti ghaz-zarmar u tnehhija ta’ Liebherr Gantry Crane, Tango 72, li kien jinsab go Laboratory Wharf u dan versu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet imsemmija fid-Dokument anness ma’ l-att tac-citazzjoni Dokument A, inkluz li l-persuna li takkwista t-*tender* tiehu l-i*spare parts* kollha ta’ l-imsemmi *crane* liema *spare parts* jinsabu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited u dan bi qbil ma’ l-istess socjeta` The Cargo Handling Company Limited;

Premess illi t-*tender* nghata lis-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited li f’Jannar li ghadda (1992) spiccat twettaq l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-imsemmi *tender*;

Premess illi llum is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited mhux biss qeghda tirrifjuta li tikkonsenja lis-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited l-imsemmija *spare parts* li jinsabu fil-pussess taghha u dan nonostante l-fatt li l-istess socjeta` The Cargo Handling Company Limited kienet qablet li taghmel hekk sa minn qabel ma hareg it-*tender* u sahansitra anki halliet lir-rapprezentanti tas-socjeta` Francesco Fenech Limited jezaminaw l-istess *spare parts* u jehdulhom ritratti, talli issa ppubblikat avvizi f’gazzetti lokali (Dok. B u C) bl-iskop li tbiegh l-istess *spare parts*;

Premess illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Mejju, 1992 (Dok. D) is-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited interpellat lill-attur *nomine* sabiex fi zmien jumejn jikkonsenjalha l-imsemmija *spare parts* u fin-nuqqas ihallasha s-somma ta’ Lm36,957.02,0 rapprezentanti l-valur taghhom;

Premess illi ghalhekk u bl-iskop li jipprotegi l-interessi tieghu, l-attur *nomine* fit-12 ta’ Mejju 1992 talab u ottjena minn din il-Qorti l-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni (Dok. G) kontra s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling

Company Limited li permezz tieghu l-istess socjeta` konvenuta giet inibita milli tbiegh jew b'xi mod iehor tittrasferixxi lil terzi l-imsemmija *spare parts* jew tiddisponi minnhom u/jew b'kwalsiasi mod tnaqqas il-valur taghhom;

Premess illi l-attur *nomine* ghandu interess li din il-kwistjoni tigi rizolta bil-mod kif ftehmu l-kontendenti kollha;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited hija marbuta bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet imsemmija fit-*tender* li hareg id-Dipartiment tal-Portijiet (Dok. A) u senjatament hija marbuta bil-klawsola sebgha (7) tieghu (Dok. A) li tghid li l-persuna li takkwista t-*tender* tiehu l-i*spare parts* kollha ta' l-imsemmi *crane* li jinsabu fil-pussess ta' l-istess socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited u dan kif qablet l-istess socjeta` konvenuta qabel ma inhareg l-imsemmi *tender*;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi llum dawn l-i*spare parts* jappartjenu lis-socjeta` konvenuta l-ohra Francesco Fenech Limited;

3. Per konsegwenza tinibixxi lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited milli tbiegh jew b'xi mod iehor tittrasferixxi lil terzi l-imsemmija *spare parts* jew tiddisponi minnhom u/jew b'kwalsiasi mod tnaqqas il-valur taghhom salv milli tghaddihom fil-kundizzjoni miftehmha lis-socjeta` konvenuta l-ohra Francesco Fenech Limited kif inhi obbligata li taghmel;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni tat-12 ta' Mejju 1992 kontra s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur *nomine* kontra s-socjetajiet konvenuti, inkluz dik kontra s-socjeta` Francesco Fenech Limited talli ma zarmatx l-imsemmi *crane* fil-hin;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Accountant General *ex officio* Direttur tal-Kuntratti li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti huma l-istess persuna u ghaldaqstant ma jistax jigi mharrek bhala zewg persuni, izda bhala persuna wahda fil-kariga tieghu ta’ Accountant General kif ukoll ta’ Direttur tal-Kuntratti;

2. Illi l-Accountant General *ex officio* Direttur tal-Kuntratti hareg *quotation* li giet moghtija lilhom mid-Direttur tal-Portijiet illum l-Awtorita` Marittima ta’ Malta fis-sens li din tkun *tender* mahruga tramite l-Accountant General u l-*award* tinghata mid-Direttur tal-Portijiet stess;

3. Illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-Accountant General *ex officio* Direttur tal-Kuntratti u l-atturi u l-konvenuti l-ohra, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Subordinatament illi l-konvenut in kwistjoni ma giex imsemmi bl-ebda mod fit-talbiet u l-anqas fir-rizerva ghal xi kwalunkwe azzjoni ohra u ghaldaqstant ma jistax jirrispondi jew jikkontrobatti ebda talbiet li dawn kollha jirrigwardaw konvenuti ohrajn;

5. Illi m’ghandu jsofri ebda spejjez f’din il-kawza, minhabba li gie mdahhal fiha inutilment;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Accountant General *ex officio* Direttur tal-kuntratti, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-*tender* allegat hareg unilateralment mill-attur *nomine*, u l-eccipjenti ma kellu x’jaqsam xejn, u di piu` l-konvenuti *nomine* m’ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-partijiet dwar l-istess *tender*;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li sar xi ftehim kif allegat mill-attur *nomine* u senjatament ma sar ebda ftehim li jigu akkwistati, minn min jiehu t-*tender*, l-i*spare parts* kollha ta’ l-imsemmi *crane*, u dan kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal fuq premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar ebda ftehim kif allegat mill-attur *nomine* u senjatament ma sar ebda ftehim kif allegat mill-attur dwar l-i*spare parts* kollha kif di piu` jirrizulta mill-istess kawza ta’ l-istess *tender* redatta esklussivament mill-attur *nomine* fejn f’paragrafu 7 din tirreferi biss ghal *new spare parts*;

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti u l-eccipjenti odjerni qatt ma qablu fl-ebda mument li jikkonsenjaw xi *spare parts* mixtrija mill-attur eccipjenti u proprjeta` esklussiva taghhom u li dwarhom l-attur *nomine* m’ghandu ebda dritt kwalunkwe;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess il-Mandat ta’ Inibizzjoni gie mahrug fuq premessi zbaljati u inkorretti u bla ma l-eccipjenti qatt ma inghataw opportunita’ li jiddefendu l-istess;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*, filwaqt li jzommu lill-istess attur *nomine* responsabbli ghad-danni kollha li bl-agir illegali u abbuziv tieghu ikkawza, qed jikkawza u ser jikkawza lill-eccipjenti *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-imsemmi konvenut Godwin Abela *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony u Joseph ahwa Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Francesco Fenech Limited illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi d-domandi attrici 1, 2 u 3 huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-eccipjenti *nomine* m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez gudizzjarji;

3. Illi r-rizerva ta' l-atturi *nomine* ghall-azzjoni kontra l-eccipjenti ghan-nom tas-socjeta` Francesco Fenech Limited "talli ma zarmatx l-imsemmi *crane* fil-hin", qeghda tigi respinta;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Anthony Fenech u Joseph Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Francesco Fenech Limited li fiha huma ppremettew:-

Illi skond it-*tender* li nghata lill-esponenti *nomine* kellhom jinghataw l-i*spare parts* kollha ta' l-imsemmi *crane* Liebherr, inkluzi l-i*spare parts* li jinsabu fil-pussess tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, kollox skond ma' l-attur *nomine* kien obbliga ruhu;

Illi, kif gie ammess mill-attur stess, is-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited ghadha ma tistax tiehu pussess ta' l-imsemmija *spare parts* ghar-raguni msemmija minnu;

Illi permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Mejju 1992 l-attur *nomine* gie interpellat biex jizgura li ssir il-konsenja ta’ l-i*spare parts* in kwistjoni, izda l-konsenja baqghet ma saritx;

Talbu ghalhekk il-konvenuti *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju lill-attur biex jikkonsenja l-imsemmija *spare parts* skond l-inventarju;

2. Fin-nuqqas, tiddikjara lill-attur *nomine* responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti *nomine* bhala rizultat tan-nuqqas ta’ konsenja ta’ l-imsemmija *spare parts*;

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-esponenti *nomine*, okkorrendo billi ssir stima ta’ l-i*spare parts* godda elenkati fl-inventarju skond il-*market price* taghhom;

4. Tikkundanna lill-attur *nomine* jhallas lill-esponenti *nomine* d-danni hekk likwidati, f’ammont mhux inqas minn Lm36,957.02,9;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Mejju 1992, kontra l-attur *nomine*;

Bl-imghax legali fuq is-somma ta’ Lm36,957.02,9 mill-4 ta’ Mejju 1992, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza fuq kull eccess;

B’riserva ta’ kull azzjoni ghad-danni talli l-eccipjent *nomine* ma jistax jarma l-*crane* ghall-uzu mahsub ghalih minhabba n-nuqqas ta’ konsenja ta’ l-i*spare parts* tieghu kif miftiehem, li huma indispensabbli biex il-*crane* jigi jiffunzjona kif ghandu jkun;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine* rikonvenzjonanti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur *nomine* ghall-kontro-talba ta' Anthony Fenech u Joseph Fenech *nomine*, illi fiha eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti *nomine* ghamel dak kollu li hu possibbli sabiex is-socjeta` Francesco Fenech Limited tinghata l-i*spare parts de quo*. Dawn l-i*spare parts* jinsabu fil-pussess tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, liema socjeta` kienet diga` tippossjedihom sa minn qabel ma s-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited xtrathom u llum qeghda tirrifjuta li tikkonsenjhom lix-xerrej (Francesco Fenech Ltd) allavolja kienet obbligat ruhha li taghmel hekk;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* akkompanjanti n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro talba tas-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 1992 illi permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Marco Grixti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 71 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza tirrigwarda essenzjalment l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-klawsola sebgha (7) tal-"Conditions of Tender for the Dismantling and Removal of a Liebherr

Gantry Crane" (fol. 8). *Tender* din imnedija mit-Tezor fuq it-talba ta' l-Awtorita` Marittima attrici u assenjata lill-offerent maghzul fil-persuna tas-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited. Offerta u accettazzjoni li jirrivestu l-karatteristici ta' determinatezza u precizjoni dwar dak espressament konkordat fil-kondizzjonijiet tat-*tender*. *Inter alia*, proprju l-klawsola 7 precitata li testwalment hekk tipprovdi:-

"*On termination of the complete removal of the crane and equipment to the satisfaction of the Director of Ports successful tenderer shall be entitled to take possession of the entire quantity of new spare parts appertaining to the said crane, which are held in stock, and which may be viewed by arrangement with the General Manager, The Cargo Handling Co. Ltd, Pinto Annex, Valletta.*"

Id-diverbju principali insort f'din il-kawza jikkoncerna b'mod centrali l-kwestjoni jekk dak ritenut fl-imsemmija klawsola kienx jikkolpixxi l-i*spare parts* kollha jew dawk biss mixtrija minn fondi tal-Gvern. Dan qed jinghad in kwantu hi l-kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited illi l-Awtorita` Marittima attrici ma setghetx tiddisponi wkoll minn dawk l-i*spares* li kienu esklussivament taghha;

Mill-provi processwali in atti jistghu jigu rikapitulati l-aspetti li jistghu jitqiesu l-aktar saljenti ghas-soluzzjoni tal-materja hawn trattata:-

(1) Il-*crane* li kellu jigi zmantellat, proprjeta` ta' l-Awtorita` attrici, kien prestat in uzu lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, li ndahlet ghall-manutenzjoni tieghu;

(2) Irrizulta mid-deposizzjoni ta' Anthony Mangion (fol. 86) illi biex jigi rez funzjonabbli l-*crane* kien jenhtieg nefqa sostanzjali. Xi *spares* inxtraw mill-fond specjali ta' l-Awtorita` jew tal-Gvern maghruf bhala "Plant Replacement Fund", ohrajn jidher li nxtraw minn fondi

proprji tas-socjeta` Cargo Handling. Fi kliem l-imsemmi xhud "skond jien hemm differenza bejn *spares* li jinxtraw mill-Fund u dawk li tixtri direttament il-Cargo Handling" (fol. 87);

(3) Jirrizulta illi dawn l-i*spares* kienu jinhaznu fil-*workshop* tal-Cargo Handling, b'mod li kienu jinzammu separati u ghalhekk identifikabbli. Ara xhieda ta' Joseph Giordmaina (fol. 100) u Tony Vella (fol. 101);

(4) Meta dawn gew vizwalizzati mit-*tender*er u hadilhom ir-ritratti, dawn l-i*spares* kienu f'zewg lottijiet, "cioe` *parts* ma' hajt u ohrajn mal-hajt ta' faccata" (xhieda ta' Anthony Fenech a fol. 102). Dan l-istess xhud stqarr illi hu sar jaf li kien hemm parts tal-Gvern u ohrajn tal-Cargo Handling wara li zarma l-*crane*. Dan sar jafu minghand Godwin Abela, Managing Director tal-Cargo Handling, li pprovdih b'zewg listi ta' *parts*;

(5) Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma immiskjatx ruhha fir-redazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-*tender* u dejjem skond l-imsemmi Godwin Abela (fol. 98), hu ma kienx oggezzjona ghal kontenut tat-*tender* "ghax qatt ma dahalli f'rasi li setghu kienu qed jirreferu ghall-i*spares* proprjeta` taghna." Fil-fatt is-socjeta` tieghu kienet ipprocediet biex tirreklama ghal bejgh l-i*spare parts* taghha. Dwar dan giet inibita b'digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Mejju 1992 (fol. 26);

(6) Jigi notat ukoll minn dak li ttrepala mix-xhieda ta' Anthony Fenech illi l-i*spare parts* ma gewx inventarjati mat-*tender document*. Dan jikkombacja f'certu sens ma' dak li xehed John Gatt, Operations Manager ma' l-Awtorita` attrici, jigifieri illi fid-diskussjoni bejn Anthony Mangion u Godwin Abela ma giex specifikat liema kienu dettaljatament il-*parts* in kwestjoni (fol. 85);

Fl-apprezzament tieghu ta' dawn il-provi l-perit legali jidentifika dawn il-konsiderazzjonijiet fir-rizultanzi peritali:-

(a) L-Awtorita` Marittima ma kellha ebda jedd li taghmel bhala kondizzjoni tat-*tender* l-ghotja ta' l-i*spare parts* kollha tal-*crane*, anke dawk li ma kienux proprjeta` taghha;

(b) Il-provi kollha juru illi ma kien hemm ebda rinunzja tad-drittijiet tal-Cargo Handling fuq il-*parts* proprjeta` taghha;

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ta' fatt u l-valutazzjoni dwarhom iwasslu ghal dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt;

Il-ligi tiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-buona fede, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi (Artikolu 993 tal-Kodici Civili). Ma hemmx dubju li kif miftiehem espressament it-*tenderer* kien intitolat jiehu pussess tal-kwantita` intiera ta' "*new spare parts*" appartenenti lill-*crane*. Ghalhekk gjaladarba ma saret l-ebda distinzjoni dwarhom l-i*spares* kollha kellhom jifformaw parti integrali minn dak koncess lit-*tenderer*;

Hu del resto pacifiku illi meta l-kliem tal-konvenzjoni huma cari l-interpreti ghandu joqghod ghal dawn il-kliem (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili) u mhux jirrikorri ghal kongetturi ("**John Zammit et –vs- Michael Zammit Tabona *nomine***", Appell, 28 ta' Frar 1997);

Huwa bil-wisq car illi r-rimozzjoni tal-*crane* jew l-izmantellar tieghu kellha tippremja u tiffavorixxi lis-"*successful tenderer*" billi tintitolah jiehu pussess tat-totalita` ta' l-i*spares* bla distinzjoni. Din l-interpretazzjni tircievi sostenn mill-enuncjazzjoni illi "*tra le regole di interpretazione sono importanti quelle che si deducono dall'indole, dalla natura e dal carattere giuridico del contratto, nel quale fosse questione.*" ("**Elena Micallef –vs- Edoardo Ciantar**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Jannar 1884);

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi mill-kumpless ta' l-att tat-*tender* l-intenzjoni ma hi xejn diversa mill-kliem cari tal-patt numru sebgha (7) fuq riportat, imma, anzi, il-kumplament ta' l-att hu in armonija ma' dan l-istess patt;

Dan stabbilit, u accettata l-osservazzjoni tal-perit legali illi l-awtorita` attrici ma kellha l-ebda jedd tintrabat li tiddisponi minn hwejjeg li ma kienux jappartjenu lilha, jekk mhux wara akkordju espress u car, b'analogija mid-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-istitut tal-bejgh, il-patt surreferit jaghti lok ghall-hlas tad-danni jekk ix-xerrej (ossija l-offerent), bhal ma gara fil-kaz in kwestjoni, ma kienx jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux ukoll ta' l-accettant ("**John Mizzi *nomine* –vs- Petty Officer John Crowther**", Prim' Awla, Qorti Civli, 4 ta' Gunju 1955);

Fic-cirkostanzi jista' jinghad illi s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited kellha kull raguni topponi ruhha li titrasferixxi l-i*spares* proprjeta` taghha lis-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited. Daqstant iehor din l-ahhar imsemmija socjeta` ghandha kull dritt tirreklama d-danni gjaladarba l-ezekuzzjoni tal-patt konvenut jiddependi mill-volonta` tal-Cargo Handling Company Limited u li, dejjem skond Anthony Fenech (fol. 102), "ma ghamilt l-ebda ftehim ma' Godwin Abela";

Gjaladarba s-socjeta` Francesco Fenech Limited ma tistax, kif hekk invece tippretendi fl-ewwel talba taghha rikonvenzjonali, tottjeni l-korp ta' *spares*, jibqalha d-dritt tirreklama l-ekwivalenti taghhom. Dan skond l-insenjament tal-**Gasca** ("Compra Vendita" Vol. II para. 1319), citat fid-decizjoni "**Major Hannibal A. Scicluna *nomine* –vs- Joseph Calleja**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Jannar 1958:

"*Il compratore non potrebbe chiedere l'equivalente invece del corpo certo che gli e` dovuto, poiche questo essendo gia, per effetto del contratto, di sua proprieta`,*

*egli non puo rivendicare l'equivalente invece della cosa, ammenocche gli sia impossibile di ottenerla.";*

Jirrizulta mill-valutazzjoni ta' l-espert Inginier Reno Spiteri (fol. 119 - fol. 122) illi l-i*spares* appartenenti di diritto u b'proprjeta` lis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited jammontaw ghal Lm36,957 u allura, kif ragunat mill-perit legali, hi din is-somma li l-Awtorita` Marittima attrici ghandha taghmel tajjeb lis-socjeta` konvenuta Francesco Fenech Limited.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza principali ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta billi tirrespingi t-talbiet fiha kontenuti billi tiddikjarahom infondati u b'hekk tichadhom fil-konfront tal-konvenuti kollha;

Tilqa' invece, ad eccezzjoni ta' l-ewwel talba u tat-tielet talba li saret per inutile, it-talbiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti Francesco Fenech Limited billi tikkundanna lill-attur *nomine* ihallas lil din is-socjeta` s-somma ta' sitta u tletin elf, disa' mija sebgha u hamsin lira Maltija (Lm36,957) in linea ta' danni kif fuq inghad; bl-interessi mid-data tan-notifika tal-kontro-talba (25 ta' Awissu 1992).

L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-attur *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------